MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Numru 643/2007

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)

vs

Alexei Zerafa

Il-Qorti,

Rat l-imputazzonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta'identita' 912751m, akkuzat, talli fit-28 ta' Lulju 2007 kmieni filghaxija gewwa Marsaxlokk:

a) volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, cioe vettura GVP 460, liema ammont ta' hsara jammonta ghal aktar minn Lm50 izda ma teccedix il-Lm500 ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

b) ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixklu waqt li jkun qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmiru billi ma halliex lill haddiehor jaghmel dak li bil-ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;

c) b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

d) ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm l-istess gemgha ta' nies ma tkunx giet imxewxa minn xi hadd partikolari, liema reat fil-fatt sehh ai termini tal-Artikolu 68(2,3) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) fit-28 ta' Lulju 2007 u fil-hames snin ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha – Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati);

F'kaz ta' htija il-Qorti mitluba tordna lill-imputat ghall-hlas lir- registratur tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri inkluz dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-proces verbal ta' l-inkjesta f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Rat l-ordni tal-imsemmi Avukat Generali ai termini tal-Kap 31 sabiex l-akkuza taht dak il-Kap wkoll tinstema u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Il-Prosekuzzjoni offriet fil-kawza x-xhieda ta' zewg pulizija li kienu nvestigaw persuna li dehrilhom suspettuza u li kienet hdjen van izzomm dak li lill-pulizija dehrilhom li kien 'trab'. F'dak il-hin l-imsemmija pulizija kienu qedhin xoghol jghassu attivita' li kienet qeghdha tinzamm fil-club tal-waterpolo ta' Marsascala. Apparti dina x-xhieda giet presentata u esebita stqarrija tal-imputat li d-difza sahqet m'ghandhiex valur probatorju fis-sens li ma setghetx tittiehed in konsiderazzjoni stante li mehuda minghajr ma l-imputat gie offrut lilu li jkun assistit minn avukat. Fil-fattispecje tal-kaz in ezami l-Qorti ser tilqa' dina s-sottomissjoni u tiddikjara nulla u bla effett l-istqarrija.

Intant, mix-xhieda in atti, fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel akkuza ma tistax tissusisti stante li fiha tisemma vettura li mhiex il-vettura li taghha l-imputat allegatament qaccat l-ariel taghha. Ix-xhieda ta' PC773 abbinata mar-ritratti presentati mill-kollega tieghu PC826 huma wisq cari fil-kuntest ta' din l-akkuza. Dwar it-tieni akkuza jirrisulta li fil-hin li z-zewg pulizija kienu qed jinvestigaw lill-persuna suspettata l-imputat interferixxa f'xoghlhom anka ghas-sempici fatt li esklama 'halluh, dak ma ghamel xejn'. Ghalhekk ghandu jinstab hati jekk xejn ta' offiza kontravenzjonali taht l-Artikolu 95 (2) tal-Kap 9. Fil-konfront tat-tielet akkuza jirrisulta bhala fatt stabbilit u mhux ikkontestat li f'xi hin l-imputat kien ma' gemgha nies li minhabba l-komportament taghha, fost ghajjat u insulti, intimidaw il-pulizija li qajmitilhom apprensjoni ghall-inkolumita' taghhom. B'hekk, anka dwar din l-offiza kontravenzjonali l-Qorti issib rejita' fl-imputat. Dwar ir-raba akkuza PC 773 isemmi l-kelma 'gemgha' minghajr ma specifika ebda numru b'hekk li l-akkuza ma tirrisultax. Fil-konfront tal-hames u l-ahhar akkuza din tirrisulta biss mill-istqarrija tal-imputat li l-Qorti qieset li ma kinitx mehuda skond il-ligi u b'hekk annullata.

Tiddecidi, ghaldaqstant, li ssib l-imputat hati tat-tieni u t-tielet akkuza. Rat l-Artikolu 95(2), 338(dd) u 17(c) tal-Kap 9. Tikkundannah mitt euro ammenda komplessiva. Tilliberah mill-bqija tal-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------